# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 1**

**Avviz numru 1407/99/SM**

**Joseph Quintano**

**vs**

**Leonard Debono u b'digriet tas-26 ta' Jannar, 2000, isem il-konvenut ghandu jigi jinqara Renald.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija wiehed u tletin lira Maltin (LM331.00,0), rapprezentanti valur ta' hsarat kagonati fil-vettura tal-attur f'incident stradali li sehh fit-23 t'Awissu, 1999,**

**gewwa Cospicua ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba traskuragni u negligenza fis-sewqan tieghu;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt personalment ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-eccipjent jammetti r-responsabbilita ghall-incident meritu tal-kawza;**

**2. Illi d-danni reklamati mill-attur huma eccessivi stante li naqas mill-obbligu tieghu li jimminimizza d-danni. Kif ser jirrizulta mill-provi l-eccipjent kien gharraf lill-attur fejn kellha ssir it-tiswija, liema xogholijiet kienu ser isiru skond is-sengha u l-arti, izda minn naha tieghu l-attur baqa' jinsisti li jsewwi ghand l-agent u b'hekk zdiedu l-ispejjez inutilment;**

**3. Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluza n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi in effetti l-konvenut jammetti r-responsabbilita' tieghu ghall-incident in dizamina;**

**2. Illi l-procedura odjerna hi ghalhekk limitata esklussivament ghal quantum tal-hsarat sofferti mil-attur b'rizultat ta' dan l-incident awtomobilistiku;**

**3. Illi l-konvenut isostni li kien hemm ftehim bejnu u l-attur li l-attur kellu jsewwi l-hsarat ghand l-istess konvenut stante li jallega li kapaci jghamel dan;**

**4. Illi dan il-ftehim hu kategorikament michud mill-attur;**

**5. Illi d-danni sofferti mill-attur gew debitament ezaminati minn "surveyor" tas-socjeta' assikurattrici tal-konvenut u gew imsewwija skond l-istess "survey";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li la l-attur agixxa a bazi tas-"survey" tas-socjeta' li kienet tassigura l-vettura tal-konvenut u skond il-parametri minnha stabbiliti, l-allegazzjoni tal-istess konvenut li l-attur ma imminimizzax id-danni ma treggix;**

**Illi in vista ta' suespost, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Renald Debono unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u tletin Lira Maltin, (Lm331.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Renald Debono biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-**

**attur Joseph Quintano skond il-ligi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti;**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**